

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Rikonoxximent U Infurzar Tad-deċiżjonijiet Tal-qorti](#) > [Kif Tinforza Deċiżjoni Ta' Qorti](#) > [Latvia](#)

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti



Latvja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-infurzar huwa stadju fi proċeduri ċivili fejn l-uffiċjali ġudizzjarji jinfurzwaw sentenza mogħtija minn qrati, istituzzjonijiet oħra jew uffiċjali jekk debitur (konvenut) ma jikkonformax volontarjament ma' dik id-deċiżjoni fiż-żmien stipulat fil-leġiżlazzjoni jew mill-qorti.

Ara "[Professjonijiet legali: il-Latvja](#)" dwar il-miżuri ta' infurzar li huwa intitolat japplika uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti.

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

L-uffiċjali tal-qorti jinfurzwaw id-deċiżjonijiet mill-qrati u istituzzjonijiet oħra kif ukoll iwettqu attivitajiet oħra speċifikati fil-leġiżlazzjoni.

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji huma infurzabbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, ħlief fejn il-leġiżlazzjoni jew sentenzi tal-qorti jipprovdut għall-infurzar immedjat tagħhom. L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati jinstigaw il-proċeduri ta' infurzar fuq il-bażi ta' dokument ta' infurzar.

Skont il-proċedura għall-infurzar ta' deċiżjoni tal-qorti, id-deċiżjonijiet li ġejjin minn qrati, mħallfin u istituzzjonijiet oħra għandhom jiġu infurzati:

- sentenzi tal-qorti u deċiżjonijiet tal-qorti jew tal-imħallfin kawżi ċivili u kawżi amministrattivi;
- deċiżjonijiet tal-qorti u deċiżjonijiet jew ordnijiet tal-prosekuturi pubbliċi f'kawżi kriminali relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
- deċiżjonijiet tal-imħallfin jew tal-qorti f'kawżi amministrattivi ta' ksur relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
- deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-approvazzjoni ta' saldi;
- deċiżjonijiet minn qrati permanenti ta' arbitraġġ;
- deċiżjonijiet minn qrati barranin jew awtoritajiet kompetenti u qrati barranin ta' arbitraġġ f'każijiet speċifikati fil-leġiżlazzjoni;
- deċiżjoni tal-qorti dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet proċedurali - multi;
- deċiżjonijiet tal-kummissjoni dwar tilwim industrijali;
- deċiżjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali ta' regolamentazzjoni tas-servizz pubbliku (iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolatur") dwar tilwim jew riżoluzzjoni ta' argumenti.

Ħlief fejn speċifikat mod ieħor taħt il-leġiżlazzjoni, dawn li ġejjin huma suġġetti wkoll għal proċeduri għall-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti:

- deċiżjonijiet minn istituzzjonijiet u uffiċjali f'każijiet ta' ksur amministrattiv u ksur tal-liġi fejn speċifikat

taħt il-leġiżlazzjoni;

- atti amministrattivi relatati ma' pagamenti maħruġa minn awtoritajiet u uffiċjali mogħtija s-setgħa mill-Istat;
- deċiżjonijiet minn membri tal-professjonijiet legali (nutara, avukati, uffiċjali ġudizzjarji) dwar remunerazzjoni professjonali, remunerazzjoni għal assistenza legali provduta u rimborż ta' spejjeż relatati ma' servizzi provduti, u taxxi tal-boll;
- atti adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- Atti notarili magħmula taħt il-proċedura stabbilita fid-Diviżjoni D1 tal-Liġi dwar in-Nutara.

Dokument ta' infurzar huwa:

- ordni ta' infurzar maħruġa f'kawżi ċivili jew amministrattivi fuq il-bażi ta' sentenza tal-qorti jew deċiżjoni mill-qorti jew l-imħallef, jew f'każijiet kriminali fuq il-bażi ta' sentenza tal-qorti li tapprova ftehim, deċiżjoni minn qorti permanenti ta' arbitraġġ, deċiżjoni tal-kummissjoni dwar tilwim industrijali, deċiżjoni mir-regolatur fuq tilwim jew riżoluzzjoni ta' argumenti, deċiżjoni minn qorti barranija jew qorti barranija ta' arbitraġġ, u atti adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- deċiżjoni minn istituzzjonijiet u uffiċjali f'każijiet ta' ksur amministrattiv u ksur tal-liġi;
- deċiżjoni minn qorti jew imħallef f'każijiet ta' ksur amministrattiv;
- estratt minn deċiżjoni jew ordni ta' prosekutur pubbliku f'kawżi kriminali relatati mal-irkupru tal-proprjetà;
- ordni ta' eżekuzzjoni maħruġa fuq il-bażi ta' att amministrattiv (Taqsima 539(2)2) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili);
- deċiżjoni minn imħallef dwar l-infurzar mhux ikkontestat ta' obligazzjonijiet, l-infurzar ta' obligazzjonijiet taħt proċeduri kawtelatorji, jew il-bejgħ volontarju ta' proprjetà immobbli taħt irkant permezz ta' proċess ġudizzjarju;
- deċiżjoni tal-qorti dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet proċedurali - multi;
- kont maħruġ minn nutar, avukat jew uffiċjal ġudizzjarju;
- Ordni ta' Infurzar Ewropea maħruġa minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003;
- ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003;
- ċertifikat maħruġ maħruġ minn qorti inkluż qorti barranija skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- ordni ta' f'ħlas maħruġa minn qorti li tinkludi qorti barranija skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- deċiżjoni tal-qorti dwar l-awtorizzazzjoni tal-kreditur garantit biex ibigħ il-proprjetà mwiegħda tad-debitur fi proċeduri ta' protezzjoni legali (Taqsima 37(2) tal-Liġi dwar l-Insolvenza);
- estratt mid-deċiżjoni maħruġa minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 20(1)b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009;
- estratt mill-istrument awtentiku maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009;
- l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba stabbilit skont il-mudell stabbilit fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2011 tat-18 ta' Novembru 2011;
- atti notarili ta' infurzar maħruġa taħt il-proċedura stabbilita fid-Diviżjoni D1 tal-Liġi dwar in-Nutara;
- ċertifikat maħruġ minn qorti barranija jew awtorità kompetenti skont l-Artikolu 53 jew l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdiżjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali;
- estratt minn deċiżjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew minn Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea dwar l-impożizzjoni ta' multa amministrattiva li hija relatata ma' ksur fl-istazzjonar ta' impjegaturi u li tasal fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI);
- parti A ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet maħruġa minn qorti li tinkludi qorti barranija skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3.1 Il-proċedura

Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u barra mill-qorti huma infurzabbli wara d-dħul fis-seħħ tagħhom, flief fejn il-leġiżlazzjoni jew sentenzi tal-qorti jipprovdu għall-infurzar immedjat tagħhom. Jekk jiġi stabbilit perjodu ta' infurzar volontarju rigward l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti u d-deċiżjoni ma tkunx infurzata, il-qorti tfassal ordni ta' infurzar meta jiskadi t-terminu ta' infurzar volontarju. L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati jinstigaw il-proċeduri ta' infurzar fuq il-bażi ta' dokument ta' infurzar.

Ordni ta' infurzar tinħareġ fuq talba lill-uffiċjal tal-infurzar mill-qorti li tiddeċiedi l-każ dak iż-żmien. Għandha tinħareġ ordni ta' infurzar għal kull deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata f'postijiet differenti, id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata immedjatament fi kwalunkwe parti minnha jew jekk id-deċiżjoni ssir favur diversi pretendenti jew kontra diversi konvenuti, il-qorti għandha toħroġ diversi ordnijiet ta' infurzar fuq it-talba tal-uffiċjal tal-infurzar. Meta toħroġ bosta ordnijiet ta' infurzar, il-post eżatt tal-infurzar jew il-parti tad-deċiżjoni li għandha tiġi infurzata skont l-ordni ta' infurzar għandhom ikunu speċifikati f'kull wieħed minn dawn l-ordnijiet ta' infurzar; u, f'każ ta' obbligi solidarji, il-konvenut li kontra tiegħu l-infurzar għandu jiġi implimentat skont l-ordni ta' infurzar ikkonċernata għandu jkun indikat.

Biex jibda l-infurzar ta' deċiżjoni, l-ordni ta' infurzar mogħtija lill-uffiċjal tal-infurzar jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandha tiġi sottomessa lil uffiċjal ġudizzjarju flimkien ma' ittra ta' applikazzjoni.

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-Liġi dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji u r-Regolament Nru 202 "Regolament dwar iż-żamma ta' reġistri ta' uffiċjali ġudizzjarji" adottat mill-Kabinett tal-Ministri fl-14 ta' Marzu 2006 jirregolaw il-kwistjonijiet ġenerali relatati mal-attività u ż-żamma ta' reġistri ta' uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati.

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

L-applikazzjoni tal-miżuri ta' infurzar stabbiliti fil-Liġi tal-Proċedura Ċivili fil-proċedura ta' infurzar ta' deċiżjonijiet mill-qorti u deċiżjonijiet minn istituzzjonijiet oħra hija mmirata li tirrestrinġi d-drittijiet tad-debitur bl-intenzjoni li jerġa' jinkiseb il-bilanċ bejn id-drittijiet tal-persuna, li l-interessi ċivili tagħha jew l-interessi tagħha protetti mil-liġi kienu involuti, u l-obbligu tad-debitur li jikkonforma mad-deċiżjoni tal-qorti (istituzzjoni oħra).

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

L-uffiċjali ġudizzjarji huma intitolati li jieħdu azzjoni ta' infurzar kontra l-proprjetà mobbli tad-debitur – inkluża kwalunkwe proprjetà depożitata ma' persuni oħra – u assi intanġibbli, kontra flus dovuti lid-debitur minn persuni oħra (remunerazzjoni għax-xogħol, pagamenti ekwivalenti, dħul ieħor tad-debitur, investimenti f'istituzzjonijiet ta' kreditu), u kontra proprjetà immobbli.

Ċerti assi speċifikati fil-leġiżlazzjoni u oġġetti li jappartjenu kompletament jew parzjalment lid-debitur mhumiex suġġetti għal azzjoni ta' infurzar taħt ordnijiet ta' infurzar (pereżempju apparat u tagħmir tad-dar, ħwejjeġ, ikel, kotba, strumenti u għodda meħtieġa mid-debitur għax-xogħol ta' kuljum tiegħu li jipprovdi l-mezzi meħtieġa għas-sussistenza eċċ.).

L-oġġetti li ġejjin li jappartjenu kompletament jew parzjalment lid-debitur mhumiex suġġetti għal azzjoni ta' infurzar taħt ordnijiet ta' infurzar:

- apparat u tagħmir tad-dar, ħwejjeġ meħtieġa mid-debitur, il-membri tal-familja tiegħu u persuni dipendenti fuqu:
 - ħwejjeġ, żraben u ħwejjeġ ta' taħt meħtieġa għall-użu ta' kuljum;
 - aċċessorji tal-friex, lbies tas-sodda u xugamani;
 - utensili tal-kċina u oġġetti tal-mejda meħtieġa għall-użu ta' kuljum;
 - għamara – sodda waħda u siġġu wieħed għal kull persuna, kif ukoll mejda waħda u gwardarobba waħda għal kull familja;
 - l-aċċessorji kollha għat-tfal.
- Oġġetti tal-ikel fid-dar fl-ammont meħtieġ għall-manteniment tad-debitur u tal-membri tal-familja tiegħu għal perjodu ta' tliet xhur;
- flus fl-ammont tal-paga minima ta' kull xahar għad-debitur, kull membru tal-familja tiegħu u l-persuni

dipendenti fuq id-debitur, iżda f'każijiet rigward l-irkupru ta' manteniment għall-appoġġ ta' tfal minorenni jew għall-benefiċċju tal-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment - flus fl-ammont ta' 50 fil-mija tal-paga minima fix-xahar għad-debitur, kull membru tal-familja tiegħu u l-persuni dipendenti fuq id-debitur;

- baqra jew mogħża waħda u majjal wieħed għal kull familja, u għalf fl-ammont meħtieġ sakemm jinħasad għalf ġdid jew sakemm il-bhejjem jittieħdu għall-mergħa;
- karburant meħtieġ biex jitthejja l-ikel għall-familja u għat-tiŝhin tal-post li jgħixu fih waqt l-istaġun tat-tiŝhin;
- kotba, strumenti u għodda meħtieġa għad-debitur fil-ħidma ta' kuljum tiegħu li tipprovdi l-mezzi meħtieġa għas-sussistenza;
- stokk agrikolu, jiġifieri għodda agrikola, makkinarju, bhejjem u żerriegħa meħtieġa għar-razzett, flimkien mal-ammont ta' għalf meħtieġ għall-manteniment tal-bhejjem tar-razzett rilevanti sakemm isir ħsad ġdid. L-istruzzjonijiet mill-Ministru tal-Agricoltura jiddeterminaw l-għodda agrikola, l-ammont ta' bhejjem u l-ammont ta' għalf li għandhom jitqiesu bħala meħtieġa;
- proprjetà mobbli li skont il-Liġi Ċivili hija rikonoxxuta bħala aċċessorju għal proprjetà immobbli - separatament minn tali proprjetà immobbli;
- djar ta' qima u oġġetti ta' ritwali.

Bl-istess mod, l-azzjoni ta' infurzar ma tistax tittieħed fuq:

- ħlas dovut għal sensja, benefiċċju tal-funeral, benefiċċju ta' somma f'daqqa lill-konjuġi superstiti, benefiċċji soċjali tal-Istat, appoġġ mill-Istat lil tfal li għandhom il-marda tas-coeliac, pensjoni tas-superstiti u provvediment għas-superstiti;
- kumpens għal tkagħbir bl-użu ta' għodda li jappartjenu lil impjegat u kumpens ieħor skont il-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw ir-relazzjonijiet legali tal-impjegat;
- ammonti li għandhom jitħallsu lil impjegat b'konnessjoni ma' vjaġġi uffiċjali, trasferiment u assenjazzjoni biex jaħdmu f'żona oħra popolata;
- benefiċċji ta' assistenza soċjali;
- manteniment tat-tfal fl-ammont ta' manteniment minimu tat-tfal stipulat mill-Kabinett li fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti jew deċiżjoni meħuda mill-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment għandha titħallas minn wieħed mill-ġenituri, kif ukoll manteniment tat-tfal li għandu jitħallas minn l-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ta' Manteniment.

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Meta tittieħed azzjoni ta' infurzar kontra l-assi mobbli, il-proprjetà immobbli jew id-dħul ta' debitur, id-debitur ma jibqax intitolat li jiddisponi minnhom liberament.

Meta l-ħtiġijiet jew l-ordnijiet tal-uffiċjal ġudizzjarju ma jitħarsux, l-uffiċjal ġudizzjarju jħejji att u jippreżentah lill-qorti għal deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà. Il-qorti tista' timponi multa fuq il-partijiet ħatja - sa EUR 360 fil-każ ta' persuna fiżika, jew sa EUR 750 fil-każ ta' uffiċjal. Jista' jiġi sottomess ilment aċċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.

F'ċerti kategoriji ta' każijiet, sanzjonijiet speċifiċi jistgħu jiġu stabbiliti għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-uffiċjal ġudizzjarju.

Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju jsib xi reżistenza meta jieħu azzjoni ta' infurzar, il-pulizija jistgħu jissejġu biex jassistu.

Jekk id-debitur ma jidherx quddiem uffiċjal ġudizzjarju f'konformità ma' ċitazzjoni, jew jirrifjuta li joffri spjegazzjonijiet jew informazzjoni legalment meħtieġa, l-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat li jieħu l-kwistjoni quddiem il-qorti għal deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ta' din il-persuna. Il-qorti tista' tadotta deċiżjoni biex tordna lid-debitur jidher, u biex timponi multa: sa EUR 80 fil-każ ta' persuna fiżika, jew sa EUR 360 fil-każ ta' uffiċjal. Jitressaq ilment aċċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.

Jekk jirriżulta li debitur intenzjonalment ipprova informazzjoni falza, l-uffiċjal ġudizzjarju għandu jibgħat applikazzjoni lill-prosekutur pubbliku.

4.3 X'inhuma l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Dokument ta' infurzar jista' jiġi sottomess għall-infurzar fi żmien 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-qorti jew tal-imħallef sakemm ma jkunux speċifikati perjodi oħra fl-atti regolatorji. Jekk sentenza tal-qorti timponi

pagament bin-nifs, id-dokument ta' infurzar jibqa' fis-seħħ għall-perjodu kollu li matulu l-pagamenti jkunu dovuti u l-perjodu ta' 10 snin jibda mid-data finali ta' kull pagament.

5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Il-proċedura ta' infurzar tinbeda fuq il-bażi ta' ordni ta' infurzar valida maħruġa mill-qorti jew istituzzjoni oħra. Il-persuna obbligata bi dmir skont deċiżjoni mill-qorti jew minn istituzzjoni oħra tista' tappella (tikkontesta) din id-deċiżjoni skont il-proċedura ġenerali stabbilita fl-atti regolatorji għal appell (kontestazzjoni) ta' deċiżjonijiet tal-qorti jew istituzzjonijiet oħra.

Fuq applikazzjoni minn parti fil-każ u b'kunsiderazzjoni tal-istat proprjetarju jew ċirkostanzi oħra tal-partijiet involuti, il-qorti responsabbli biex tiddeċiedi każ partikolari tkun intitolata li tadotta deċiżjoni biex tipposponi l-infurzar tad-deċiżjoni, biex taqşam l-infurzar f'pagamenti, jew biex temenda l-forma jew il-proċedura li biha tiġi infurzata d-deċiżjoni. Lment anċillari li jirrigwarda deċiżjoni tal-qorti li tipposponi l-infurzar ta' deċiżjoni, taqşam l-infurzar tad-deċiżjoni f'pagamenti parzjali jew temenda l-forma jew il-proċedura li biha tiġi infurzata jista' jittressaq quddiem qorti superjuri fi żmien 10 ijiem. Meta ċ-ċirkostanzi jfixxlu jew jipprevjenu l-infurzar ta' sentenza tal-qorti, l-uffiċjal ġudizzjarju huwa intitolat ukoll li jissottometti lill-qorti responsabbli għas-sentenza proposta biex tipposponi l-infurzar ta' deċiżjoni, biex taqşam l-infurzar tad-deċiżjoni f'pagamenti parzjali jew biex temenda l-forma jew il-proċedura li permezz tagħha tiġi infurzata.

L-uffiċjal ġudizzjarju jista' jipposponi l-infurzar fuq il-bażi ta' applikazzjoni minn uffiċjal tal-infurzar jew deċiżjoni mill-qorti jew imħallef biex tipposponi azzjoni ta' infurzar jew tissospendi l-bejgħ ta' proprjetà, jew deċiżjoni tal-qorti li tipposponi infurzar jew taqşam l-infurzar tad-deċiżjoni f'pagamenti.

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Billi jissottometti lment motivat, kreditur jew debitur jista' jappella l-azzjonijiet ta' uffiċjal ġudizzjarju fl-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ir-rifjut tal-uffiċjal ġudizzjarju li jwettaq dawk l-azzjonijiet, ħlief rigward irkant invalidu, lill-qorti distrettwali (tal-belt) skont il-post uffiċjali tal-ħatra tal-uffiċjal ġudizzjarju fi żmien 10 ijiem mill-jum li fih jittieħdu l-azzjonijiet appellati jew meta l-kwerelant, li ma ġiex notifikat dwar il-ħin u l-post tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, jiġi infurmat b'dawn l-azzjonijiet.

L-ilment għandu jiġi eżaminat f'seduta tal-qorti fi żmien 15-il jum. Id-debitur u l-kreditur, kif ukoll l-uffiċjal ġudizzjarju, għandhom jiġu notifikati dwar is-seduta tal-qorti. Jekk dawn il-persuni ma jattendux, dan m'għandux ikun ta' ostakolu għall-eżami inkwistjoni.

Fuq il-bażi ta' talba motivata mill-persuna li tressaq ilment, mħallef jista' jieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-attivitajiet ta' infurzar, il-projbizzjoni ta' trasferiment ta' flus lil uffiċjal ġudizzjarju jew kreditur jew debitur jew is-sospensjoni tal-bejgħ ta' proprjetà. Id-deċiżjoni għandha tiġi implimentata malli tittieħed.

Jista' jittressaq ilment anċillari dwar id-deċiżjoni tal-qorti.

Links

<https://www.tm.gov.lv> - sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja

<http://www.lzti.lv/> - Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati Latvjani

<https://tiesas.lv> - portal tal-qorti Latvjani

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 27/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.